**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Eman Hayman**

**vs**

**John Debattista**

**Distrett Zabbar**

**Illum 22 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti;

Rat lil John Debattista detentur tal-karta tal-identita' 760252M.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Lulju, 2020 ghal habta ta' 00:05 a.m. gewwa Haz-Zabbar:

1. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn 250 Euro ghad-dannu ta' Matthew John Farrugia;

2. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Matthew John Farrugia b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalih;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Matthew John Farrugia;

4. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprvokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. Ikkommetta reati numerati (1), (2), (3), (4) f'din it-tahrika li gew aggravati billi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkometta reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba il-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra John Debattista a beneficcju ta' Matthew John Farrugia u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Matthew John Farrugia jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil John Debattista b'obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' fedina penali tal-imputat, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, dikjarazzjoni ta' rinunzja ghal jedd ghal parir legali, rikors ta' ftuh tal-Qorti, okkorrenza datata 30 ta' Gunju, 2020, ircevuta, kwerela, 5 ritratti, dokment immarkat bhala Dok RC1; 2 affidavits, certifikat mediku, passaport tal-imputat immarkati komplessivament bhala Dok EH1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-22 ta' Lulju, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat kif ukoll il-fedina penali kwazi netta ta' l-imputat li l-unika precedent penali li ghandha mnizzel imur lura ghas-sena 1973, ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ma thossx li ghandha tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat **John Debattista** u wara li rat l-Artikoli 325(c), 339(1)(b), 339(1)(d), 339(1)€ u l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijeit ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum u timponi Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li l-hati huwa ipprojbit milli jikkomunika, jew idejjaq kemm direttament jew indirettament lil Matthew John Farrugia u dan ghal perjodu ta' hames (5) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**